MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 44/2018

It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson

ASSENTI:
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-deputat Chairperson is-Sur Frank Fenech kien skużat. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 43/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

44.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

44.2.3 Is-Sinjura Sandra Grech talbet biex issir korrezzjoni fil-minuti u jitniżżel li waqt l-ilment Nru. 65/2018 hi ma kinitx preżenti. Kien hemm qbil mill-membri.

44.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 44.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

44.3.1 Iċ-*Chairperson* awgurat lill-membri preżenti l-Milied u s-Sena t-Tajba peress li din ser tkun l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena. Hi nfurmat lill-membri li l-ikla tal-Milied ser issir skont iċ-ċirkulari Nru 46/2016 u ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2018.

44.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li hemm bżonn isiru żewġ tabelli jindikaw li alkoħol huwa pprojbit fil-*promenade* ta' Triq il-Wied quddiem l-ispiżerija. Talbet ukoll biex isiru xi tabelli tal-*pvc* biex jinġabar il-ħmieġ tal-annimali mis-sidien tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

44.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li l-*islipway* tal-Menqa ta' quddiem 'Smugglers Restaurant' ġarrbet xi ħsarat u hemm bżonn li titranġa mill-Ministeru għal Għawdex sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jvaraw id-dgħajjes bla problemi.

44.3.4 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li mara anzjana residenti Triq Għar Qawqla talbet biex isir *hand rail* sabiex tkun tista' tinżel minn fuq l-għatba tagħha għal fuq il-bankina. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sakemm ma tiġix ostakolata l-bankina u tibqa' aċċessibli kompletament.

## 44.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

44.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet suġġeriment f'isem ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn sabiex titwitta' l-ħofra fejn kien hemm is-siġra fi Pjazza San Pawl. Wara diskussjoni bejn il-membri ma kienx hemm qbil dwar dan.

44.4.2 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba staqsa lill-membri jekk kienx jintalab xi kumpens meta xi residenti jew sidien ta' ristoranti ta' Triq il-Port iġarrbu xi ħsarat minħabba l-maltemp. Huwa ġie avviċinat minn persuni li soffrew ħsarat biex jieħdu l-kumpens mill-Kunsill u staqsa liċ-*Chairperson* tafx mil-liema fond. Iċ-*Chairperson* wieġbet li qatt ma ngħata l-ebda kumpens min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn f'dawn il-każijiet. Hi qalet ukoll li f'dawn il-każijiet lanqas kumpaniji tal-assigurazzjoni ma jagħtu kumpens aħseb u ara l-Kunsill.

44.4.3 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lill-membri tal-Kumitat dwar laqgħa li kellu mal-Ministru Jose' Herrera u mal-Ministru Justyne Caruana dwar l-iskart kummerċjali. Is-Sindku qal li tressaq suġġeriment sabiex jibda jinġabar l-iskart tal-borża s-sewda nhar ta' Ħadd filgħaxija iżda hu qalilhom li xorta waħda din ma taħdimx peress li f'Marsalforn kienet diġa' ssir din il-ġabra. Is-Sindku qal li għamel enfażi li biex il-problemi jissolvu jrid isir ħafna aktar infurzar u ressaq suġġeriment sabiex issir sistema kollettiva tal-ġbir tal-iskart bejn is-sidien tal-istabilimenti kummerċjali.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## 44.5 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

44.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-membri li kien hemm lampa fi Triq ix-Xagħra li tqaċtet aktarx bil-maltemp u hemm bżonn li tinxtara waħda ġdida biex teħel flokha. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Huwa qal li ftit tal-jiem ilu waslu t-tlett lampi l-oħra li kienu approvati għal Triq it-Torn, Triq Ulisse u Triq Santa Marija li ser jeħlu fil-jiem li ġejjin.

44.5.2 Il-Kumitat irċieva korrispondenza importanti mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar permessi għal depożitu ta’ krejn jew makkinarju ieħor li jwasslu għall-għeluq ta’ triq jew parti minnha fejn il-Kunsill irid javża lil *Transport Malta* erbat ijiem qabel ma jsir ix-xogħol.

44.5.3 Ilment KAM 66/2018 – J. Bajada
Jitlob kumpens għall-ħsara li ġarrab fil-vettura tiegħu kawża ta’ ħofor fi Triq Santa Marija, Marsalforn. Wara diskussjoni bejn il-membri, ma kienx hemm qbil għal dan il-kumpens minħabba dawn ir-raġunijiet:
- l-fatt li dan is-sinjur lanqas hu ċert f’liema ħofra ġarrab il-ħsara hekk kif iddikjarat minnu stess fl-ittra tiegħu meta fl-istess waqt ħa ritratt ta’ ħofra waħda;
- ma ppreżentax ritratt bir-rota tal-karozza ġol-ħofra;
- hu stqarr li baqa’ jsuq fuq flat tyre li seta’ kkawża il-ħsara b’hekk.

44.5.4 Ilment KAM 67/2018 – V. Borg
Jitlob biex jiġi rilokat id-*disabled parking* li sar fi Triq l-Isqof Pace, Marsalforn għal Triq id-Duluri peress li preżentament qed jieħu spazju ta’ żewġ parkeġġi. Kien hemm qbil mill-membri li ssir talba lil *Transport Malta* dwar dan.

44.5.5 Ilment KAM 68/2018 – F. Schembri
Jitlob biex jitneħħew id-*double yellow lines* fil-bidu ta’ Triq Santa Marija fuq in-naħa tal-lemin hekk kif it-triq hija *one-way* u b’hekk jiżdiedu xi parkeġġi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

44.5.6 Ilment KAM 69/2018 – Kunsill Lokali Xagħra
Il-Kunsill Lokali x-Xagħra ressaq xi lmenti li daħlu għandhom dwar Triq ix-Xagħra li taqa’ fir-responsabilita’ tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn:

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

- Jinqata’ l-ħaxix fi Triq ix-Xagħra;
- Jitranġa bank imkisser;
- U jinbena ċint ogħla minħabba l-periklu.

Il-membri qablu li għandu jinqata’ l-ħaxix tat-triq iżda ċ-*Chairperson* qalet li kemm il-bank kif ukoll iċ-ċint huma fil-privat u għalhekk il-Kumitat ma jista’ jagħmel xejn.

44.5.7 Ilment KAM 70/2018 – Perit G. Vella
Jitlob biex isiru *rumble strips* jew *sleeping policeman* fi Triq Barda minħabba sewqan eċċessiv. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti minħabba l-fatt li t-taħbit tal-karozzi x’ħin jgħaddu minn fuqhom idejqu lil nies oħra u tinħoloq problema oħra.

## 44.6 Mozzjonijiet;

44.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 44.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.00 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 16 ta’ Jannar 2019 fil-5.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta’ Jannar 2019.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |